**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 25 ta' Gunju, 2025**

**Rikors Nru: 1242/2023 AF**

Fl-Atti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru ta' referenza 1720/2022 fl-ismijiet:

**Miriam Seppi (Passaport Taljan numru YB5397833) debitament rapprezentat mill-mandatarja specjali tieghu s-socjetà Debitum Collectio Limited (C-99394)**

**vs**

**Betfair Casino Limited (C-39498)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Betfair Casino Limited, li permezz tieghu, din il-Qorti ntalbet sabiex:

1. Tordna li, sakemm jigi deciz dan ir-rikors, b'mod provizorju tillimita l-effetti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv 1720/2022 fl-ismijiet hawn fuq citati b'dan illi ma jsir ebda zbank ta' cedoli mis-sekwestrant, u dan b'notifika u/jew komunika urgenti lir-Registratur tal-Qrati Civili.

2. Tordna s-sospensjoni tal-effetti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru ta' referenza 1720/2022 fl-ismijiet hawn fuq citati kollu kemm hu ai termini tal-artikolu 44(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru. 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Dicembru 2012 dwar il-gurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet civili u kummercjali (riformulazzjoni) billi tordna lis-sekwestratarji jirrilaxxaw il-kontijiet tas-socjetà esponenti.

3. B'mod alternattiv u minghajr pregudizzju ghat-talba precedenti, tordna li jigi limitat l-effett tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru ta' referenza 1720/2022 fl-ismijiet hawn fuq citati ghal wiehed kawtelatorju ai termini tal-artikolu 44(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru. 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Dicembru 2012 dwar il-gurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet civili u kummercjali (riformulazzjoni), b'dan illi ma jsir ebda zbank ta' cedoli mis-sekwestrant.

Bl-ispejjez, u b'rizerva ghal kwalunkwe dritt t'azzjoni spettanti lill-esponenti, inkluz taht l-artikolu 279 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta ta' Miriam Seppi.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Rat l-Art. 44 tar-Regolament UE 1215/2012.

Rat li bejn il-partijiet hemm pendenti proceduri skond l-Artikoli 45(1)(a) u 46 tal-istess Regolament.

Rat il-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati meta rinfaccjati b'talbiet ta' din ix-xorta. Ma ssib ebda raguni li twassalha tiddipartixxi mill-istess. Il-Qorti tirreferi fost ohrajn fid-digrieti fil-proceduri 767/2023 MH u 1141/2021 NC.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament it-talba ta' Betfair Casino Limited u tissospendi l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-numru ta' referenza 1720/2022 ai termini tal-artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) Nru. 1215/2012 b'dana illi tali sospensjoni ghandha tapplika biss ghall-gbid u zbank minn Miriam Seppi tal-flejjes li huma digà depozitati jew li fil-futur jigu depozitati mis-sekwestratarji u liema sospensjoni ghandha tibqa' fis-sehh sakemm jintemmu b'mod definittiv jew jigu ceduti l-proceduri Rik. 1241/2023 li permezz taghhom qed tintalab ir-rifjut tar-rikonoxximent u tal-ezekuzzjoni f'Malta tas-sentenza tal-Qorti Awstrijaka tad-19 ta' Dicembru 2021 konfermata fl-4 ta' April 2022 fl-ismijiet Miriam Seppi vs Betfair Casino Limited. B'dana li però, lanqas is-socjetà Betfair Casino Limited ma tista' tizbanka dawn l-istess flus depozitati fil-Qorti sakemm jintemmu definittivament il-proceduri msemmija Rik. 1241/2023 kif intqal.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha f'din il-procedura.

IMHALLEF